pew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0379(COD)

29.6.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli)
(COM(2022)0720 – C9-0387/2022 – 2022/0379(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cyrus Engerer

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fil-mixja lejn il-kisba tal-interoperabbiltà transfruntiera u l-infrastruttura tas-servizzi pubbliċi diġitali, huwa kruċjali li jiġu ssalvagwardjati l-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. Il-miżuri tal-interoperabbiltà stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mfassla u implimentati b'mod li jirrispetta l-prinċipji tar-regoli tal-protezzjoni tad-data.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huma mħeġġa teknoloġiji b'xejn u b'sors miftuħ.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***regolatorji*** għandhom jitħaddmu taħt ir-	2. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***innovattivi*** għandhom jitħaddmu taħt ir-

responsabbiltà tal-korpi tas-settur pubbliku parteċipanti u, meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***jinvolvi l-ipproċessar ta'*** data personali minn korpi tas-settur pubbliku, taħt is-superviżjoni ta' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn, jew meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***jinvolvi l-ipproċessar ta'*** data personali minn istituzzjonijiet, korpi, u aġenziji tal-Unjoni, taħt ***ir-responsabbiltà*** tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.	responsabbiltà tal-korpi tas-settur pubbliku parteċipanti u, meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***jkun awtorizzat jipproċessa*** data personali minn korpi tas-settur pubbliku, taħt is-superviżjoni ta' awtoritajiet ***superviżorji*** nazzjonali rilevanti oħrajn, jew meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***jkun awtorizzat jipproċessa*** data personali minn istituzzjonijiet, korpi, u aġenziji tal-Unjoni, taħt ***is-superviżjoni*** tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju*** kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu ***jkollu l-għan li*** jikkontribwixxi għall-objettivi li ġejjin:	3. L-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv*** kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jikkontribwixxi għall-objettivi li ġejjin:

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Bord għal Ewropa Interoperabbli u, meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju jkun*** jinkludi l-ipproċessar ta' data personali, ***il-Kontrollur*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, fuq talba konġunta minn tal-inqas tliet korpi tas-settur pubbliku parteċipanti, ***għandu jawtorizza*** l-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju***. Din il-konsultazzjoni ma għandhiex tissostitwixxi l-konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE)	5. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Bord għal Ewropa Interoperabbli u, meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv ikun*** jinkludi l-ipproċessar ta' data personali, ***wara konsultazzjoni fil-fond mal-Kontrollur*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, ***għandha,*** fuq talba konġunta minn tal-inqas tliet korpi tas-settur pubbliku parteċipanti, ***tawtorizza*** l-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv***. ***It-talba għandha tispeċifika l-iskop tal-ipproċessar ta' data personali, l-atturi involuti u r-rwoli tagħhom, il-kategoriji***

2018/1725. Meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni jiġi stabbilit għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jappoġġaw l-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistemi ta' network u ta' informazzjoni li jintużaw biex jipprovdu jew jiġġestixxu s-servizzi pubbliċi li jkunu se jingħataw jew jiġu ġestiti b'mod elettroniku minn istituzzjoni, korp jew aġenzija waħda jew aktar tal-Unjoni, eventwalment bil-parteċipazzjoni ta' korpi tas-settur pubbliku, ma hija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni.

ta' data personali kkonċernati, u s-sors(i) tagħha u l-perjodu ta' żamma previst. Din il-konsultazzjoni ma għandhiex tissostitwixxi l-konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Meta l-ambjent ta' esperimentazzjoni jiġi stabbilit għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jappoġġaw l-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistemi ta' network u ta' informazzjoni li jintużaw biex jipprovdu jew jiġġestixxu s-servizzi pubbliċi li jkunu se jingħataw jew jiġu ġestiti b'mod elettroniku minn istituzzjoni, korp jew aġenzija waħda jew aktar tal-Unjoni, eventwalment bil-parteċipazzjoni ta' korpi tas-settur pubbliku, ma hija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***regolatorji*** għandha tkun limitata għal perjodu li jkun xieraq għall-kumplessità u għall-iskala tal-proġett, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn ***sentejn*** mill-istabbiliment tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***regolatorji***. ***Jekk ikun meħtieġ, il-parteċipazzjoni tista' tiġi estiża sa sena oħra biex jintlaħaq l-iskop tal-ipproċessar.***	2. Il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***innovattivi*** għandha tkun limitata għal perjodu li jkun xieraq għall-kumplessità u għall-iskala tal-proġett, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn ***sena*** mill-istabbiliment tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni ***innovattivi***.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwistjonijiet ***regolatorji*** speċifiċi	(b) il-kwistjonijiet speċifiċi involuti u

involuti u l-gwida li hija mistennija mill-awtoritajiet li jwettqu s-superviżjoni tal-ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju***;	l-gwida li hija mistennija mill-awtoritajiet li jwettqu s-superviżjoni tal-ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv***;

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-modalitajiet speċifiċi tal-kollaborazzjoni bejn il-parteċipanti u l-awtoritajiet, kif ukoll kwalunkwe attur ieħor involut fl-ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju***;	(c) il-modalitajiet speċifiċi tal-kollaborazzjoni bejn il-parteċipanti u l-awtoritajiet ***superviżorji***, kif ukoll kwalunkwe attur ieħor involut fl-ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv***;

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) meta tiġi pproċessata data personali, indikazzjoni tal-kategoriji tad-data personali kkonċernata, l-iskopijiet tal-ipproċessar li għalih tkun maħsuba d-data personali ***u l-atturi*** involuti fl-ipproċessar u r-rwol tagħhom.	(g) meta ***jkun strettament meħtieġ u proporzjonat li*** tiġi pproċessata data personali***, ir-raġunijiet għal tali pproċessar***, indikazzjoni tal-kategoriji tad-data personali kkonċernata, l-iskopijiet tal-ipproċessar li għalih tkun maħsuba d-data personali***, il-kontrolluri, il-proċessuri u r-riċevituri*** involuti fl-ipproċessar u r-rwol tagħhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-data personali tista' tiġi pproċessata fl-ambjent ta' esperimentazzjoni ***regolatorju*** soġġett għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:	6. Id-data personali tista' ***biss*** tiġi pproċessata fl-ambjent ta' esperimentazzjoni ***innovattiv*** soġġett għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe data personali li tkun se tiġi pproċessata tkun f'ambjent tal-ipproċessar tad-data funzjonalment separat, iżolat u protett taħt il-kontroll tal-parteċipanti u persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għal dik id-data;	(d) kwalunkwe data personali li tkun se tiġi pproċessata tkun f'ambjent tal-ipproċessar tad-data funzjonalment separat, iżolat u protett taħt il-kontroll tal-parteċipanti u persuni ***debitament*** awtorizzati biss ikollhom aċċess għal dik id-data;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) kwalunkwe pproċessar ta' data personali ma jaffettwax l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data kif previst skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali***, b'mod partikolari fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725***;	(f) kwalunkwe pproċessar ta' data personali ma jaffettwax l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data kif previst skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, ***u jkun żgurat mill-parteċipanti fl-ambjent ta' esperimentazzjoni innovattiv, inkluż permezz ta' arranġamenti tekniċi u organizzazzjonali xierqa***;

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) id-data personali ma tiġix ipproċessata għal finijiet oħra ħlief għal dawk li għalihom id-data personali tkun inġabret inizjalment;

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Meta ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorju jinvolvi l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, ir-regoli stabbiliti skont l-Artikoli 53 u 54 tar-[proposta għal] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u l-emendar ta' ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni għandhom jipprevalu f'każ ta' kunflitt mar-regoli stabbiliti mir-Regolament.	***imħassar***

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli)
Referenzi	COM(2022)0720 – C9-0387/2022 – 2022/0379(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 21.11.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 21.11.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.3.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Cyrus Engerer 13.4.2023
Eżami fil-kumitat	23.5.2023
Data tal-adozzjoni	29.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 8 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Clare Daly, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picierno, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Yana Toom, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	José Gusmão, Matjaž Nemec, Bergur Løkke Rasmussen, Dragoş Tudorache, Tom Vandenkendelaere, Petar Vitanov
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Frances Fitzgerald, Martin Hojsík, Rasa Juknevičienė, Andrius Kubilius, Janina Ochojska

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

37	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko
PPE	Vasile Blaga, Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Rasa Juknevičienė, Andrius Kubilius, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Janina Ochojska, Karlo Ressler, Tomas Tobé, Tom Vandenkendelaere, Javier Zarzalejos
Renew	Anna Júlia Donáth, Martin Hojsík, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Ramona Strugariu, Yana Toom, Dragoş Tudorache
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Pina Picierno, Isabel Santos, Birgit Sippel, Petar Vitanov

8	-
ID	Annika Bruna, Patricia Chagnon
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

4	0
The Left	Malin Björk, Clare Daly, Cornelia Ernst, José Gusmão

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni